MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 219/2009

The Sign Shop Limited C-17083

Vs

The Mediterranean Wellbeing Co. Ltd
(gia Health Matters Limited) C-40909.

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Marzu 2009, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €848.73c (tmien mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u sebghin centemzu) rapprezentanti xoghol ta’ fornitura ta’ tabelli u twahhil fil-post matul ix-xahar ta’ Ottubru 2006.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Marzu 2008 u tal-ittra ufficcjali tas-17 ta’ Ottubru 2008 u bl-imghax legali mill-ewwel ittra nterpellatorja kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 21 ta’ Mejju 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi fl-ewwel lok kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tieni lok illi s-socjeta konvenuta kienet giet registrata fil-5 ta’ Marzu 2007 u ghalhekk ma kienitx ghadha kostitwita f’Ottubru 2006. Fl-ahhar minn l-ahhar it-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

In vista tal-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni gew prodotti u ezaminati l-provi biss fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut qed jibbaza l-ewwel eccezzjoni tieghu fuq il-preskrizzjoni ta’ 18 il-xahar stante li si tratta ta’ prezz ta’ merkanzija konsenjata u kwindi prezz ta’ merkanzija mibjugha bhala retail. Mill-banda l-ohra is-socjeta attrici rribattiet li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta’ servizz mitlub minn naha u rez minn-naha l-ohra u kwindi l-perjodu preskrittiv applikabbli kien dak ta’ hames snin u mhux ta’ 18 il-xahar. Inoltre s-socjeta attrici tafferma li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn dirigenti tas-socjeta konvenuta ressaq promessi ta’ hlas u kwindi tali affermazzjoni jekk ipprovata tammonta ghall-interruzzjoni legali tal-perjodu preskrittiv.

Lennart Ellul Bonici, xhud prodott mis-socjeta attrici jafferma li The Sign Shop Limited kienet ghamlet xoghol ta signage u ta’ printing fuq inkariku ta’ u a beneficcju tas-socjeta konvenuta li fiz-zmien in kwistjoni kienet topera taht isem iehor. Dan ix-xoghol kien gie esekwit bejn it-12 ta’ Ottubru 2006 u 1 ta’ Dicembru 2006. Meta bdew isusu wara s-socjeta konvenuta ghal hlas, dirigent taghha, Ken Donaldson, kien stqarr li l-hlas relattiv kien ser jigi esegwit f’Settembru 2008 u li kien anke ser jinkarika lis-socjeta

attrici b'xoghol iehor gdid. Meta din il-weghda baqghet ma mmaterjalizatx, is-socjeta attrici baghtet ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 16ª Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ggib id-data tas-17 ta' Ottubru 2008. Meta tali ittra giet kontestata, gew intavolati l-odjerni proceduri. Dan ix-xhud afferma wkoll li x-xoghol ta' printing mahdum minnhom kien ghadu qed jigi uzat mis-socjeta konvenuta.

Illi mid-dokument esebit a fol 33 tal-process, markat Dok LEB 6 ghandu jirrizulta li x-xoghol prestat mis-socjeta attrici ma kienx limitat biss ghal konsenja ta' oggetti izda wkoll xoghol ta' installar fuq is-sit u servizz ta' artwork ossia signwriting ghall-hanut.

Illi ghalhekk mill-provi mressqa nkluz mid-dokumenti esebiti t-Tribunal huwa soddisfatt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u cioe dik a tenur tal-artikolu 2148 (b) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma hux applikabbli ghal kaz odjern in vista tal-fatt li s-socjeta attrici rrendiet servizz lis-socjeta konvenuta kif inkarikata minn din ta' l-ahhar u mhux semplicement sar bejgh u konsenja ta' merkanzija ordnata.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta, kwindi jordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-meritu. Spejjes ta' din id-decizjoni a kariku tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------